32006D0216

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Marzu 2006

dwar il-pubblikazzjoni ta' l-istandard EN 143:200 "Apparati respiratorji protettivi — Filtri tal-partiċelli — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar" skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (Apparat Personali Protettiv)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 777)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/216/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tas-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-appart personali protettiv ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/668/KEE tipprevedi li l-apparat personali protettiv jista' jitqiegħed fis-suq u fis-servizz biss jekk jippreserva s-saħħa u jiżgura s-sikurezza ta' l-utenti bla ħsara għas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi, annimali domestiċi jew oġġetti oħra, meta jinżamm kif suppost u jintuża għal-għan li huwa maħsub għalih.

(2) Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/686/KEE, l-apparat personali protettiv li jkollu l-marka CE skond liema l-manifattur hu kapaċi jipproduċi id-dikjarazzjoni tal-konformità msemmija u ċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE maħruġ minn korp li għalih ingħatat notifika u li jivverifika l-konformità tiegħu ma' l-istandards nazzjonali relevanti, li jbiddlu l-istandards armonizzati, li r-riferenzi tagħhom ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mill-Kummissjoni, għandu jitqies bħala jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi dwar is-sigurtà u s-saħħa imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/686/KEE u elenkati fl-Anness II tagħha. L-Istati Membri huma meħtieġa jippubblikaw l-istandards nazzjonali billi jittrasponu l-istandards armonizzati.

(3) In segwitu għall-Artikolu 6 (1) tad-Direttiva 89/686/KEE, il-Kummissjoni u Franza ppreżentaw oġġezzjoni formali għall-effett li l-istandard "Apparati respiratorji protettivi — Filtri tal-partiċelli — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar" appro

([1]) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

vat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fis-7 ta' Frar 2000 u li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati l-ewwel darba fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fl-24 ta' Jannar 2001 ([3]), ma jissodisfawx għal kollox il-ħtiġijiet bażiċi dwar is-sigurtà u s-saħħa imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/686/KEE fil-konfront tal-filtri għall-partiċelli li l-effiċjenza ta' l-iffiltrar tagħhom tintlaħaq esklussivament jew parzjalment bl-użu ta' materjali bbażati fuq fibri mhux minsuġa u ċċarġjati bl-elettriku, min issa 'l quddiem imsemmija "filtri elettrostatiċi".

(4) Fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet dwar l-effiċjenza ta' l-iffiltrar ta' tipi varji ta' filtri tal-partiċelli, hemm evidenza sostantiva li l-proċedura tat-test għall-kejl tal-penetrazzjoni tal-filtru kif imniżżel fil-klawżoli 8.7.2.4, l-aħħar sentenza, u 8.7.3.4, l-aħħar sentenza, ta' l-istandard EN 143:2000, skond liema l-kejl tal-penetrazzjoni jittieħed tliet minuti wara li jibda t-test ta' l-aerosol, tonqos milli tiżgura l-konformità mal-ħtieġa bażika dwar is-sigurtà u s-saħħa 3.10.1 ("Protezzjoni respiratorja") ta' l-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE fir-rigward tal-filtri elettrostatiċi.

(5) B'mod speċifiku, ġie osservat li l-effiċjenza ta' l-iffiltrar ta' dan it-tip ta' filtru tista' tiddeterjora malajr waqt l-użu. L-effiċjenza ta' l-iffiltrar kif iddeterminata skond il-proċedura tat-test standardizzata — tliet minuti wara li jkun beda t-test — tista' ma tfisser xejn f'kull waqt wara dawk it-tliet minuti. Il-waqgħa fl-effiċjenza ta' l-iffiltrar tista' tkun drastika u għalhekk tikkompromietti l-klassi ta' effiċjenza allokata għal filtru elettrostatiku u l-informazzjoni relatata miegħu. Meta l-allokazzjoni għal klassi ta' effiċjenza titqies bħala mhux korretta waqt il-perjodu ta' l-użu, l-esponiment potenzjali li jirriżulata għal sustanzi partikulati fl-arja perikoluži jista' jkun ta' dannu gravi għas-saħħa u s-sigurtà ta' min jużah. Ir-riżultati tat-test jindikaw telf ta' effiċjenza ta' l-iffiltrar tal-filtri elettrostatiċi anki meta jintużaw b'mod intermittenti.

([3]) ĠU L 21, 24.1.2001, p. 2.

(6) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-klawżoli 8.7.2.4, l-aħħar sentenza, u 8.7.3.4, l-aħħar sentenza, ta' l-istandrad EN 143:2000 jonqsu wkoll milli jiżguraw il-konformità mal-ħtiġijiet bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà 1.1.1. ("Ergonomija"), 1.1.2.1 ("L-ogħla livell ta' protezzjoni possibbli") u 1.1.2.2 ("Gruppi ta' protezzjoni xierqa għal-livelli differenti ta' riskju") ta' l-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE fir-rigward tal-filtri elettrostatiċi. Barra minn hekk, il-klawżola 10 ta' l-istandard tonqos milli tiżgura l-konformità mal-ħtieġa bażika tas-saħħa u s-sigurtà 1.4 (b) ("Informazzjoni mogħtija mill-manifattur"), minħabba li mhemmx ħtieġa ta' twissija dwar id-deterjorament ta' l-effiċjenza ta' l-iffiltrar tal-filtri elettrostatiċi biż-żmien.

(7) Skond dan, anki standards armonizzati relatati oħra, li jew jipprevedu li t-testjar isir skond l-istandard EN 143:2000 jew jipprevedu proċedura ta' kejl għat-testijiet identika għal dik stipulata fl-istandard EN 143:2000, jonqsu milli jiżguraw il-konformità mal-ħtiġijiet bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva 89/686/KEE msemmija hawn fuq fir-rigward tal-filtri elettrostatiċi.

(8) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni — CEN, Kumitat Tekniku CEN/TC 79 "Mezzi respiratorji ta' protezzjoni", bdiet ir-reviżjoni ta' l-istandard EN 143:2000 sabiex tindirizza n-nuqqasijiet deskritti. Sakemm ssir ir-reviżjoni, fl-interess tas-sigurtà u ċ-ċertezza legali, il-pubblikazzjoni tar-referenzi għall-istandard EN 143:2000 għandhom ikollhom twissija xierqa li għandha titqies wkoll fir-rigward ta' l-istandards armonizzati relatati. L-Istati Membri għandhom iżidu twissija identika fl-istandards nazzjonali tagħhom li jitrasponu dak l-istandard armonizzat.

(9) Ir-referenzi ta' l-istandard armonizzat EN 143:2000 għandhom għalhekk jiġu ppubblikati mill-ġdid skond dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi ta' l-istandard armonizzat EN 143:2000 jiġu sostitwiti bit-test f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Fejn, skond l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 89/686/KEE, l-Istati Membri jippublikaw ir-referenzi ta' l-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 1, għandhom iżidu ma' dik il-pubblikazzjoni twissija identika għal dik prevista fit-test ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi President

ANNESS

Pubblikazzjoni tar-referenzi ta' l-istandards armonizzati Ewropej skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-appart personali protettiv

ESO (*)	Referenza u titlu ta' l-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	L-ewwel pubblikazzjoni ĠU	Referenza ta' l-istandard li ha post l-ieħor	Id-data ta' tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità ta' l-istandard li ha post l-ieħor (**)
CEN	EN 143:2000 Apparati respiratorji protettivi — Filtri tal-partiċelli — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar	24.1.2001	EN 143:1990	Data ta' meta skada (31.8.2000)

Avviż: Fir-rigward tal-filtri tal-partċielli, l-effiċjenza ta' l-iffiltrar li tintlaħaq esklussivament jew parzjalment bl-użu ta' materjali bbażati fuq fibri mhux minsuġa ċċarġjati bl-elettriku, din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawżoli 8.7.2.4, l-aħħar sentenza, 8.7.3.4, l-aħħar sentenza, u 10 ta' l-istandard, li fir-rigward tagħhom m'għandux ikun hemm preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet bażiċi tas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva 89/686/KEE. Din it-twissija trid titqies fl-applikar ta' l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 149:2001; EN 405:2001; EN 1827:1999; EN 12083:1998; EN 12941:1998; EN 12941:1998/A1:2003; EN 12942:1998; EN 12942:1998/A1:2002; EN 13274-7:2002.

(*) ESO: Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandarizzazzjoni:
— CEN: rue de Stassart/Stassartstraat 36, B-1050 Brussell, Tel.(32-2) 550 08 11; fax (32-2) 550 08 19 (http://www.cenorm.be)
— CENELEC: rue de Stassart/Stassartstraat 35, B-1050 Brussell, Tel.(32-2) 519 68 71; fax (32-2) 519 69 19 (http://www.cenelec.org)
— ETSI: 650, route des Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis, Tel.(33) 492 94 42 00; fax (33) 493 65 47 16 (http://www.etsi.org)

(**) Ġeneralment, id-data ta' tmiem il-preżunzjoni tal-konformità se tkun id-data ta' l-irtirar ("dow"), stipulata mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni, imma tinġibed l-attenzjoni ta' l-utenti għall-fatt li dan jista' jkun mod ieħor f'ċerti każi eċċezzjonali.

NOTA:

— Kull tagħrif dwar id-disponibbiltà ta' l-istandards tista' tinkiseb jew mil-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzazzjoni li l-lista tagħhom hija annessa fid-Direttiva 98/34/KE.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma għandhiex timplika illi l-istandards huma disponibbli fl-ilsna Komunitarji kollha.

— Din il-lista tissostitwixxi l-listi kollha ta' qabel ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Aktar tagħrif minn fuq l-Internet dwar l-istandards armonizzati: http://europa.eu.int/comm/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/